25 ta' April, 1949.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Cpl. Albert Mallia

## Approprjazzjoni Indebita — Elementi.

*Jekk it-titolu li bih ħaġa tiġi konsenjata lil persuna oħra jimporta traslazzjoni tad-dominju, dak li rċieva l-ħaġa ma hux ħati ta' approprjazzjoni ndebita jekk huwa jiddisponi minn dik il-ħaġa.*

*Għax l-approprjazzjoni ndebita tissupponi tliet affarijiet li huma inkompatibili mat-traslazzjoni tad-dominju, jiġifieri ħaġa ta' ħadd ieħor, ir-radd tal-ħaġa (u kwindi l-indisponibilità), u alternattivament li jiġi magħmul minnha użu speċifikat (u kwindi nuqqas ta' fakoltà ta' disponibilità f'mod assolut).*

*Għalhekk f'każ ta' bejgħ a kreditu, għalkemm kien hemm żmien stabbilit għall-ħlas tal-prezz, id-dispożizzjoni ta' l-oġġett mingħajr*

*ma jithallas il-prezz tista' tagħti lok għal responsabilità ċivili biss. Jekk hemmx xi reat ieħor jew le jiddependi minn ċirkustanzi oħra.*

B'sentenza tal-15 ta' Frar 1949, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imputat ħati ta' approprjazzjoni indebita kwalifikata taħt l-art. 308 Kap. 12, ta' oġġetti ta' valur akbar minn £10, u kkundannatu għall-piena tal-priġunerija għal żmien sena;

Il-kundannat appella;

Trattat l-appell tiegħu minn din is-sentenza, din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi, ikkunsidrat;

Il-Maġistrat wasal għal konklużjoni skorretta, għaliex sfuġġielu prinċipju fondamentali fil-materja;

Id-denunzjant Briffa, fix-xhieda tiegħu qal hekk (fol. 8):— "Lill-imputat kont nagħtih xi merkanzija biex ibigħha għan-nom tiegħu stess". Minn din ix-xhieda jidher ċar illi l-merkanzija ma kienetx tingħata lill-imputat biex ibigħha għan-nom tal-padrun, imma kienet tiġi mibjugħa lilu a kreditu biex l-imputat ibigħha għal-kont tiegħu stess;

Issa hu prinċipju affermat unanimament mid-dottrina u l-ġurisprudenza, u qatt dubitat, illi, jekk it-titolu tal-konsenja jkun traslativ tad-dominju, allura ma jistax ikun hemm approprjazzjoni indebita; għaliex jekk ikun hemm traslazzjoni tad-dominju, allura d-dispożizzjoni tal-ħaġa tkun mhux vjolazzjoni, imma konsegwenza tal-jedd li jakkwista dak li jirċievi l-ħaġa b'disponibilità pjena (ara f'dan is-sens l-insenjamenti tal-Carmignani (Elem. Guris. Crim., para. 1020; il-Carrara, Progr. Parte Speciale, Vol. IV, para. 2284; Maino, art. 417, para. 1949; u l-Crivellari, Comm. Cod. Pen., art. 417; u l-ġurisprudenza ċitata minnhom in nota);

U hu loġiku li jkun hekk, għaliex l-approprjazzjoni indebita, kif opportunatament ġie osservat fid-diskussjonijiet tal-Kummissjoni tar-Reviżjoni tal-Kodiċi Kriminali Taljan, mill-Lucchini, verbale XXXVI, p. 720, tissupponi fil-kliem tal-liġi tliet affarijiet li huma inkompatibili mat-traslazzjoni tad-dominju, jiġifieri: "ħaġa ta' ħadd ieħor", kwindi mhux ta' l-imputat; it-titolu "ir-radd tal-ħaġa", li timplika "vera restituzione", u għalhekk "la indisponbilità"; u fl-aħħar, alternativament, "li jsir użu minnha speċifikat", u kwindi mhux

fakoltà ta' disponibilità f'mod assolut. Meta hemm traslazzjoni ta' dominju, il-ħaġa, ma hix ta' ħadd ieħor, u l-ħaġa jista' jiġi dispost minnha assolutament;

F'dan il-każ kien hemm bejgħ a kreditu. Kien hemm, għalhekk, traslazzjoni tad-dominju minn Briffa għall-imputat, għalkemm kien hemm żmien għall-ħlas tal-prezz. Ma jirriżulta bl-ebda mod (u dan hu importanti) li kien hemm il-"pactum reservati dominii usque ad praetii solutionem";

F'dawn il-kontinġenzi ma kienx hemm reat. Vjolazzjoni ta' l-obbligu tal-ħlas tal-prezz tista' tagħti lok għal responsabilità ċivili. Il-każ kien ikun divers kieku l-mekkanzija ngħatat lill-imputat biex ibiegħha għak-kont tal-padrun, jew kieku kien hemm dak il-"pactum";

Jekk hemmx reat ieħor jew le jiddependi minn ċirkustanzi oħra; u fi kwalunkwe każ, ma hijiex materja li tista' issa tiġi kunsidrata fl-appell;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tiddikjara illi l-fatt ma jikkostitwix, għar-raġunijiet fuq imsemmija, irreat askritt lill-imputat, li jiġi konsegwentement liberat.